# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fis-27 t'April 2013 għall-ħabta tal-22:00 kif ukoll fil-ġimgħatejn ta' qabel :

(a) Bħala sid tal-ħanut bl-isem Taboo Wine Bar li jinsab fi Triq Bormla, Paola, volontarjament ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Conrad Borg u l-mara tiegħu premezz ta' daqq ta' mużika b'volum għoli aktar milli jmiss;

(b) Fl-istess ċirkostanzi żamm l-imsemmi volum għoli ta' mużika tal-ħanut in kwistjoni b'mod li kien messu kien jaf li dan kien ta fastidju għall-konjuġi Borg.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ l-imputat ġie mixli bir-reat ta' fastidju. Din il-Qorti ġiet adita b'diversi kawżi bejn l-imputat u l-parte civile li matul il-perjodu ta' madwar sentejn intavolaw numru ġmielu ta' kwereli li fis-sustanza tagħhom kienu jittrattaw l-istess meritu jew simili. Huwa bil-wisq evidenti lil din il-Qorti li bejn il-parte civile u l-imputat daħlet element ta' pika li ssawret f'dawn il-proċeduri ġudizzjarji li ħadu ħafna ħin lil din il-Qorti. U dan meta dawn l-ilmenti setgħu faċilment ġew indirizzati b'metodi amministrattivi aktar milli dawk ġudizzjarji. Fil-verita f'dawn il-każijiet, il-Liġi tagħti lill-Kummissarju tal-Pulizija diversi setgħat eżekuttivi ta' natura amministrattiva li setgħu ġew użati biex din il-Qorti ma tiġix inondata b'ammont kbir ta' kawżi fuq l-istess meritu uħud minnhom fuq kwereli li kienu biss jum jew ftit jiem il-bogħod minn xulxin.

Il-Qorti hija għalhekk konxja mill-kontroversja bejn il-partijiet matul dan iż-żmien kollu li jvarja bejn il-kwerela li waslet għal din il-kawża u l-kumplament tal-kawżi l-oħra li ġew trattati minn din il-Qorti flimkien għall-fini tal-ekonomija tal-ħin u tal-ġudizzju. Inoltre, il-Qorti kienet sa mill-bidu nett, fil-preżenza tal-partijiet debitament assistiti, ordnat sabiex ix-xiedha tal-parte civile, r-relazzjonijiet tal-Professur Joseph Agius u r-rappreżentant tal-Awtorita ta' Malta dwar it-Turiżmu ikunu meħuda b'xiehda f'dawk il-kawżi kollha li kienu jinvolvu lill-imputat u l-parte civile u li l-Qorti ordnat li għandhom jiġu mismugħa kontestwalment, naturalment safejn tali xiehda kienet applikabbli u dan għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-ħin stante n-numru kbir ta' kawżi li kienu ġew intavolati.

F'dan il-każ, li għalhekk jittratta l-bidu ta' din il-kontroversja li wasslet għal saga quddiem din il-Qorti, il-Qorti tqis li **f'dak il-perjodu inkriminat fl-imputazzjoni**, il-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat bir-reat ta' fastidju bi żmien li normalment jissodisfa r-rekwiżit temporali li fih tkun tista' tiġi ppruvata l-eżistenza ta' egħmil ripetut li jista' jikkwalifika bħala *a course of conduct* skont il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Biss f'dan il-każ, saħħa l-Prosekuzzjoni addebitat dan l-element temporali, jirriżulta lil din il-Qorti li l-perjodu ta' żmien li fih l-imputat huwa addebitat li wettaq ir-reat, jirriżulta li jikkonċidi żgur in parti ma perjodu ta' żmien li kien jifforma l-meritu ta' kawża oħra li kienet ġiet

deċiża fl-istess udjenza u li kienet tittratta allegat episodju li seħħ fil-21 t'April 2013 għall-ħabta tad-21:15.

Dan iwassal lil din il-Qorti tqis li qajla jkun *safe and satisfactory* li din il-Qorti ssib ħtija ta' dan ir-reat meta l-perjodu temporali imputat jikkonċidi mal-istess perjodu diġa imputat f'kawża oħra li fiha l-istess imputat ġie imputat bl-istess reat u bl-istess modalita' nonche fil-konfront tal-istess parte civile. Daqsxejn aktar attenzjoni u kordinament mill-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' kif jiġu redatti l-imputazzjonijiet kien kjarament meħtieġ.

Inoltre jirriżulta li għalkemm fit-tieni imputazzjoni il-Prosekuzzjoni kitbet bil-linka blu l-Artikolu tal-Liġi li hija kienet qegħda tiprospetta l-azzjoni tagħha u ċjoe l-Artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda minn qari tal-imputazzjoni jirriżulta li l-kliem użat f'din l-imputazzjoni jirrifletti aktar ir-reat ta' fastidju aktar milli r-reat ta' daqq ta' strumenti tal-mużika jew għajjat fit-triq jew fi ħwienet. Għalkemm huwa minnu li hemm ġurisprudenza paċifika li ċ-ċitazzjoni hija ritenuta bħala "*avviso a comparire*", mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora li l-azzjoni hija ta' natura penali u għalhekk irid ikun hemm ċerta preċiżjoni fil-mod ta' kif imputazzjoni tiġi redatta u dan sabiex l-imputat ikun jista' jiddefendi ruħu għaliha. Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Carmela Micallef*** deċiża mill-Qorti Kriminali sede t'appell nhar is-16 t'April 1955,

l-Imħallef William Harding iddeċieda li imputazzjoni trid tirrifletti l-Liġi u ma tistax tkun ritenuta li tissodisfa l-vot tal-Liġi jekk l-imputazzjoni kif formulata ma tkunx issib riskontru għaliha fil-Liġi.  Bħal ma ġara f'dak il-każ, f'dan il-każ, il-lokuzzjoni tal-imputazzjoni tgħaqqad fiha biċċa minn reat u biċċa minn reat ieħor.  Il-Qorti Kriminali kienet tenniet li din il-lokuzzjoni ibrida ma ssibx korrispondenza fit-test tal-Liġi, la f'inċiż wieħed u l-anqas f'ieħor u meta hu hekk il-konsegwenza hija li "*nullum crimen sine lege*".  Għalhekk ikkonkludiet li r-reat irid ikun formulat skont il-Liġi għax altrimenti reat ma hemmx.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu u kwindi tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***